**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 47/10VG**

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurati tagħha Angelo sive Lino Spiteri u Mary Spiteri skond il-liġi u skond il-polza ta' assigurazzjoni**

**Vs**

**Joseph Mifsud u b'Digriet ta' l-24 ta' Ġunju 2010 ġie kjamat in kawża Emanuel Mifsud u b'Digriet ta' l-24 ta' Ġunju 2010 Motor Insurance Pool ġià Omnibus Pool intervjeniet fil-kawża *in statu et terminis***

**Illum 7 ta' Jannar 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fis-17 ta' Frar 2010 mis-soċjetà GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurati tagħha Angelo sive Lino Spiteri u Mary Spiteri skond il-Liġi u skond il-polza ta' assigurazzjoni, permezz ta' liema titlob li Joseph Mifsud jiġi kkundannat iħallasha s-somma ta' disat elef mitjen sitta u tletin Euro u sebgħin ċenteżmu (€9,236.70) rappreżentanti kumpens imħallas minnha lill-assigurati tagħha għall-ħsarat sofferti minnhom in segwitu għall-hruq li seħħ fit-13 ta' Jannar 2009 ġewwa Triq Dr. Guże Miceli, Gżira, liema ħruq seħħ meta ħadu n-nar diversi xarabanks li kienu illegalment ipparkeġġati fil-proprjetà adjaċenti tiegħu, liema ħsara ma kienetx isseħħ kieku l-proprjetà adjaċenti ma kienetx qed tintuża b'dan il-mod illegali u mingħajr il-permess tal-MEPA, bl-ispejjeż kontra Joseph Mifsud u bl-imgħax legali dekoribbli mid-data tal-preżentata tar-Rikors promotur sad-data ta' l-effettiv pagament;

Rat ir-Risposta ta' Joseph Mifsud permezz ta' liema jopponi għat-talba attriċi u jitlob li l-istess tiġi miċħuda, bl-ispejjez kontra s-soċjetà attriċi, stante li: (i) it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt; (ii) huwa ma kellu ebda responsabilità ta' ħtija għal ħruq li seħħ fit-13 ta' Jannar 2009 u għal allegati danni sofferti mill-assigurati tas-soċjetà attriċi; (iii) il-ħruq seħħ meta filwaqt li l-vettura proprjetà tieħhu kienet ipparkjata sfat distrutta kompletament b'riżultat ta' ħruq li beda fil-vettura proprjetà ta' Emanuel Mifsud li kkaġuna n-nar li nfirex fuq il-vetturi proprjetà tiegħu, ossia tal-konvenut, u b'konsegwenza l-vettura proprjetà tiegħu

inqerdet bl-imsemmi ħruq; (iv) huwa kien diġà informa lis-soċjetà attriċi b'dak minnu affermat permezz ta' ittra legali datata 12 ta' Ottubru 2009, iżda hija baqgħet tinsisti li tiftaħ proċeduri kontra tiegħu u għalhekk huwa ma għandux ikun tenut iħallas l-ispejjeż relattivi għall-proċeduri odjerni; (v) peress li l-ħruq oriġina mill-vettura proprjetà ta' Emanuel Mifsud, huwa opportun li dan Emanuel Mifsud, fil-konfront ta' min huwa ġià istitwixxa proċeduri ġiudizzjarji permezz ta' Rikors Ġuramentat bin-Numru 115/10AL quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, jiġi kjamat fil-kawża odjerna; (vi) huwa opportun li s-smigħ ta' dawn il-proċeduri jiġi sospiz pendenti l-eżitu tal-proċeduri quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili; (vii) is-soċjetà attriċi għandha tressaq prova dwar l-allegat parkeġġar illegali u dwar kif tali parkeġġar irrizulta fl-ħruq li seħħ fit-13 ta' Jannar 2009, kif qed tikkontendi l-istess soċjetà attriċi; u (viii) is-soċjetà attriċi għandha tressaq prova dwar l-allegati danni sofferti mill-assigurati tagħha, liema ammont ta' danni qiegħed jiġi kontestat in kwantu eċċessiv;

Rat id-dokument anness mar-Risposta ta' Joseph Mifsud markat Dok. "JG1" a fol. 11 tal-proċess;

Rat ir-Rikors ta' Motor Insurance Pool ġià Omnibus Pool ippreżentat fit-12 ta' Mejju 2010 permezz ta' liema titlob li tiġi awtorizzata tintervjeni fil-proċeduri odjerni *in statu et terminis*, liema talba ġiet milqugħa b'Digriet mogħti fl-24 ta' Ġunju 2010[1];

Rat ir-Rikors tal-konvenut ippreżentat fil-11 ta' Ġunju 2010 permezz ta' liema jitlob il-kjamata in kawża ta' Emanuel Mifsud, liema talba ġiet milqugħa b'Digriet mogħti fl-24 ta' Ġunju 2010[2];

Rat ir-Risposta ta' Emanuel Mifsud permezz ta' liema jopponi għat-talba attriċi u jitlob li l-istess tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi, stante li: (i) huwa ġie imħarrek inutilment u b'hekk għandu jigi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju peress li ġià hemm proċeduri pendenti fil-konfront tiegħu kif ukoll peress li hu m'huwiex sid l-art fejn seħħ l-inċident mertu tal-kawza; (ii) it-talba attriċi hija infondati fil-fatt u fid-dritt; (iii) is-soċjetà attriċi trid tipprova d-danni li allegatament sofriet; u (iv) l-ammont pretiż huwa eċċessiv;

Semgħet ix-xhieda ta' Emanuel Zammit, rappreżentant tal-MEPA, mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ġunju 2010[3] u x-xhieda tal-konvenut mogħtija waqt is-seduti ta' l-24 ta' Ġunju 2010[4] u tas-16 ta' Ottubru 2012[5], semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Jesmond Micallef mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Novembru 2010[6] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "JM1" a fol. 40 sa' 44 tal-proċess, rat l-affidavit ta' Gordon Axiaq u d-dokumenti annessi miegħu markati Dok. "GA1" sa' Dok. "GA12" esebiti mis-soċjetà attriċi permezz ta' Nota ppreżentata fl-10 ta' Novembru 2010 a fol. 47 sa' 62 tal-proċess, rat l-affidavit tal-Perit Alfred Grech u r-Rapport anness miegħu markat Dok. "AG2" esebiti mis-soċjetà attriċi permezz ta'

[1] Fol. 27 tal-proċess.
[2] *Ibid.*
[3] Fol. 29 sa' 31 tal-proċess.
[4] Fol. 32 tal-proċess.
[5] Fol. 182 u 183 tal-proċess.
[6] Fol. 46 tal-proċess.

Nota ppreżentata fit-23 ta' Novembru 2010 a fol. 66 sa' 91 tal-proċess u rat l-affidavit ta' Mark Spiteri esebit mis-soċjetà attriċi permezz ta' Nota ppreżentata fit-12 ta' Jannar 2011 a fol. 93 sa' 95 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Keith Arnaud mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Novembru 2011[7] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "KA1" sa' Dok. "KA3" a fol. 110 sa' 119 tal-proċess, rat ir-ritratti esebiti mis-soċjetà attriċi permezz ta' Nota ppreżentata fl-1 ta' Diċembru 2011 a fol. 121 sa' 139 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Nathaniel Spiteri mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Jannar 2012[8] u x-xhieda ta' l-Ispettur Stephen Mallia[9] mogħtija waqt is-seduti tal-21 ta' Frar 2012 u ta' l-4 ta' Ġunju 2012[10] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "SM1" a fol. 152 u 153 tal-proċess, semghet ix-xhieda ta' Joseph Abela mogħtija waqt is-seduti tal-21 ta' Frar 2012[11] u tat-23 ta' April 2012[12] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JA1" u Dok. "JA2" a fol. 169 u 170 tal-proċess, rat l-affidavit tal-konvenut u d-dokumenti annessi miegħu markati Dok. "JM1" sa' Dok. "JM4" esebiti permezz ta' Nota ppreżentata fit-23 ta' April 2012 a fol. 160 sa' 168 tal-proċess, rat l-affidavit tal-kjamat in kawża esebit permezz ta' Nota ppreżentata fid-9 ta' April 2013 a fol. 186 sa' 189 tal-process u semgħet ix-xhieda tal-kjamat in kawża mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' April 2013[13] u x-xhieda tal-Perit Alfred Grech[14] u ta' Gordon Axiaq[15] mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru 2013 u rat id-dokument esebit minn Gordon Axiaq markat Dok. "GA13" a fol. 200 tal-proċess, rat id-dokument, ossia sentenza fl-ismijiet "Nathaniel Spiteri et v. Emanuel Mifsud et" Citaz. Nru. 115/10 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Marzu 2014 esebita mill-konvenut permezz ta' Nota ppreżentata fil-25 ta' Marzu 2014 a fol. 219 sa' 239 tal-proċess u semgħet ix-xhieda ta' Mark Spiteri mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2014[16];

Semgħet it-trattazzjoni orali;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proċeduri odjerni s-soċjetà attriċi, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurati tagħha Angelo sive Lino Spiteri u Mary Spiteri skond il-Liġi u skond il-polza ta' assigurazzjoni, titlob li l-konvenut jiġi kkundannat iħallasha s-somma ta' €9,236.70 rappreżentanti kumpens imħallas minnha lill-assigurati tagħha għall-ħsarat sofferti minnhom in segwitu għall-hruq li seħħ fit-13 ta' Jannar 2009 ġewwa Triq Dr. Guże Miceli, Gżira, liema ħruq seħħ meta ħadu n-nar diversi xarabanks li kienu illegalment ipparkeġġati fil-proprjetà adjaċenti tal-konvenut, liema ħsara ma kienetx isseħħ kieku l-proprjetà adjaċenti ma kienetx qed tintuża b'dan il-mod illegali u mingħajr il-permess tal-MEPA.

---

[7] Fol. 119A sa' 119D tal-proċess.
[8] Fol. 142 sa' 145 tal-proċess.
[9] Fol. 154 sa' 157 tal-proċess.
[10] Fol. 178 sa' 180 tal-proċess.
[11] Fol. 158 tal-proċess.
[12] Fol. 171 u 172 tal-proċess.
[13] Fol. 190 sa' 197 tal-proċess.
[14] Fol. 201 sa' 206 tal-proċess.
[15] Fol. 207 sa' 217 tal-proċess.
[16] Fol. 241 sa' 246 tal-proċess.

Il-konvenut jilqa' għat-talba attriċi bis-segwenti eċċezzjonijiet: (i) it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt; (ii) huwa ma kellu ebda responsabilità ta' ħtija għal ħruq li seħħ fit-13 ta' Jannar 2009 u għal allegati danni sofferti mill-assigurati tas-soċjetà attriċi; (iii) il-ħruq seħħ meta filwaqt li l-vettura proprjetà tiegħu kienet ipparkjata sfat distrutta kompletament b'riżultat ta' ħruq li beda fil-vettura proprjetà ta' Emanuel Mifsud li kkaġuna n-nar li nfirex fuq il-vetturi proprjetà tiegħu, ossia tal-konvenut, u b'konsegwenza l-vettura proprjetà tiegħu nqerdet bl-imsemmi ħruq; (iv) huwa kien diġà informa lis-soċjetà attriċi b'dak minnu affermat permezz ta' ittra legali datata 12 ta' Ottubru 2009, iżda hija baqgħet tinsisti li tiftaħ proċeduri kontra tiegħu u għalhekk huwa ma għandux ikun tenut iħallas l-ispejjeż relattivi għall-proċeduri odjerni; (v) peress li l-ħruq oriġina mill-vettura proprjetà ta' Emanuel Mifsud, huwa opportun li dan Emanuel Mifsud, fil-konfront ta' min huwa ġià istitwixxa proċeduri ġiudizzjarji permezz ta' Rikors Ġuramentat bin-Numru 115/10AL quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, jiġi kjamat fil-kawża odjerna; (vi) huwa opportun li l-smigħ ta' dawn il-proċeduri jiġi sospiz pendenti l-eżitu tal-proċeduri quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili; (vii) is-soċjetà attriċi għandha tressaq prova dwar l-allegat parkeġġar illegali u dwar kif tali parkeġġar irrizulta fl-ħruq li seħħ fit-13 ta' Jannar 2009, kif qed tikkontendi l-istess soċjetà attriċi; u (viii) is-soċjetà attriċi għandha tressaq prova dwar l-allegati danni sofferti mill-assigurati tagħha, liema ammont ta' danni qiegħed jiġi kontestat in kwantu eċċessiv.

B'Digriet moghti fl-24 ta' Ġunju 2010[17], ġie kjamat in kawża Emanuel Mifsud u b'Digriet ieħor ukoll mogħti fl-24 ta' Ġunju 2010[18], Motor Insurance Pool ġià Omnibus Pool ġiet awtorizzata tintervjeni fil-proċeduri odjerni *in statu et terminis*.

Il-kjamat in kawża Emanuel Mifsud jilqa' ghat-talba attriċi bis-segwenti eċċezzjonijiet: (i) huwa ġie imħarrek inutilment u b'hekk għandu jigi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju peress li ġià hemm proċeduri pendenti fil-konfront tiegħu kif ukoll peress li hu m'huwiex sid l-art fejn seħħ l-inċident mertu tal-kawza; (ii) it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt; (iii) is-soċjetà attriċi trid tipprova d-danni li allegatament sofriet; u (iv) l-ammont pretiż huwa eċċessiv.

Mill-provi prodotti tul is-smigħ tal-proċeduri jirriżultaw is-segwenti fatti:

- Il-konvenut huwa proprjetarju ta' biċċa art fi Sliema Road, Gżira, liema art effettivament tagħti għal fuq Sliema Road, Gżira u fuq Triq Guże Miceli, Gżira[19];
- Adjaċenti ma' din l-art hemm blokk ta' appartamenti bl-isem "Stella Maris" fi Triq Guże Miceli, Gżira[20];
- F'din l-art il-konvenut, huh Emanuel Mifsud u ċertu Nathaniel Spiteri kienu jipparkjaw ix-xarabanks di proprjetà tagħhom, rispettivament bin-Numri ta' Reġistrazzjoni KCY-962, CCY-991 u BCY-932[21];

[17] *Ibid.*
[18] Fol. 27 tal-proċess.
[19] Vide affidavit tal-konvenut a fol. 161 u 162 tal-proċess.
[20] Vide rapport ta' l-Ispettur Keith Arnaud a fol. 115 sa' 117 tal-proċess.

- Għalkemm din l-art kienet tintuża għal tali skop, bħala fatt ma kienx hemm permess tal-MEPA sabiex l-imsemmija art tintuża għal tali fini, tant illi fil-11 ta' Ottubru 2004 kienet inħarġet Enforcement Notice bin-Numru 781/04, minħabba *żvilupp mingħajr permess fis-sens illi bdil fl-użu materjali ta' art li minn art battala bdiet tintuża bħala art ta' parkeġġ ta' vetturi w inġenji kif ukoll sar tisqif ta' l-istess art*[22];
- Fit-12 ta' Jannar 2009, ix-xarabank bin-Numru ta' Reġistrazzjoni CCY-991 di proprjetà tal-kjamat in kawża kellu ħsara tant illi filgħodu għall-ewwel ma setgħax jiġi startjat u għalkemm sussegwentement ix-xufier tax-xarabank, Aaron Sultana, irnexxielu jistartjah u joħroġ bih għall-vjaġġi tal-ġurnata, matul il-ġurnata dan ix-xarabank baqa' jimmanifesta ħsara billi baqa' ma jistartjax mill-ewwel[23];
- Dakinhar tat-12 ta' Jannar 2009 ghall-ħabta ta' 23:30hrs Aaron Sultana ipparkja ix-xarabank bin-Numru ta' Reġistrazzjoni CCY-991 fl-art di proprjetà tal-konvenut. Għall-ħabta ta' 2:40hrs tat-13 ta' Jannar 2009, certa Carmen Mifsud innutat li żviluppa nar fuq l-art tal-konvenut[24];
- Mal-wasla ta' l-uffiċjali tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u tal-Pulizija ġie innutat li essenzjalment kienu qed jaqbdu t-tlett xarabanks li kienu pparkjati fl-art tal-konvenut, bin-nar l-iktar mifrux fuq ix-xarabank bin-Numru ta' Reġistrazzjoni CCY-991 di proprjetà tal-kjamat in kawża[25];
- Sakemm in-nar ġie kkontrollat u tnehha l-periklu li kien hemm, peress li kien hemm maħżuna xi laned tad-diesel, it-tlett xarabanks kif ukoll xi oġġetti oħra li kien hemm fuq l-art inqerdu għal kollox[26];
- Apparte li ġew meqruda t-tlett xarabanks in kwistjoni u xi oġġetti oħra li kien hemm fuq l-art proprjetà tal-konvenut, ġrat ħsara wkoll lill-blokk ta' appartamenti "Stella Maris" Triq Guże Miceli, Gżira, adjaċenti għal din l-art, b'mod partikolari ġiet ikkawżata ħsara lill-appartamenti Nru. 1 u Nru. 2 ta' dan il-blokk[27];
- L-appartament Nru.1, fil-blokk "Stella Maris" Triq Guże Miceli, Gżira, huwa di proprjetà ta' Angelo sive Lino u Mary Spiteri, l-assigurati tas-soċjetà attriċi[28];
- L-appartament in kwistjoni kellu ħsara fil-faċċata, liema faċċata kellha tinbarax, tinkesa u titbajjad, ħsarat fl-aperturi ta' l-aluminium li kellhom jinbidlu; l-airconditioning units kellhom il-ħsara wkoll b'wieħed minnhom kellu jinbidel u l-ieħor jitnaddaf, kien hemm ħsara fil-plumbing u l-elettriku u kien jeħtieġ li jsir kisi u tibjid fuq ġewwa[29];

---

[21] Vide affidavit tal-konvenut a fol. 161 u 162 tal-proċess, xhieda ta' Nathaniel Spiteri mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Jannar 2012, a fol. 142 sa' 145 tal-proċess u x-xhieda tal-kjamat in kawza mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' April 2013, a fol. 190 sa' 197 tal-proċess.

[22] Vide xhieda moghtija minn Emanuel Zammit, rapprezentant tal-MEPA, mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ġunju 2010, a fol. 29 sa' 31 tal-proċess.

[23] Vide xhieda ta' Nathaniel Spiteri mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Jannar 2012, a fol. 142 sa' 145 tal-proċess u x-xhieda tal-kjamat in kawza mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' April 2013, a fol. 190 sa' 197 tal-proċess u

[24] Vide rapport ta' l-Ispettur Keith Arnaud a fol. 115 sa' 117 tal-proċess.

[25] *Ibid.*

[26] *Ibid.*

[27] *Ibid.*

[28] Vide affidavit ta' Mark Spiteri a fol, 94 u 95 tal-proċess.

[29] Affidavit ta' Gordon Axiaq a fol. 48 u 49 tal-proċess u Rapport tal-Perit Alfred Grech a fol. 68 sa' 91 tal-proċess.

- Id-danni komplessivi, inklużi fees ta' Matthew Attard (Surveyor) u tal-Perit Alfred Grech, ammontaw għal €9,236.70, minn liema s-somma s-soċjetà attriċi ħallset €2,934.11 lill-assigurati tagħha Angelo sive Lino u Mary Spiteri, b'dana li ġiet surrogata fid-drittijiet tagħhom, u €6,302.59 lill-kuntratturi u konsulenti oħra involuti f'dan il-każ[30].

Kif ġià iktar 'l fuq osservat il-konvenut jikkontendi li huwa ma huwiex responsabbli ghad-danni kawżati fl-appartament tal-konjuġi Spiteri b'konsegwenza tan-nar li seħħ fit-13 ta' Jannar 2009 u b'hekk lanqas ma huwa responsabbli versu s-soċjetà attriċi għall-ammont li hija kellha tħallas lil u għall-assigurati tagħha. Huwa jqis li ma huwiex responsabbli għal tali danni għar-raġuni li n-nar beda fix-xarabank bin-Numru ta' Reġistrazzjoni CCY-991 di proprjetà ta' Emanuel Mifsud u meta dan infirex addirittura hakem u ddistruġġa għal kollox, fost affarijiet oħra, ix-xarabank proprjetà tiegħu bin-Nurmu ta' Reġistrazzjoni KCY-962. Fi ftit kliem il-konvenut jikkontendi li jekk hemm min għandu jerfa' r-responsabilità ghad-danni subiti mill-assigurati tas-soċjetà attriċi u li għamlet tajjeb għalihom l-istess soċjetà attriċi huwa Emanuel Mifsud. Da parte tiegħu Emanuel Mifsud, li ġie kjamat in kawża fuq talba tal-konvenut, jikkontendi li huwa għandu jigi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju in kwantu ġià hemm proċeduri pendenti fil-konfront tiegħu u fi kwalunkwe kaz huwa ma huwiex sid l-art fejn seħħ l-inċident mertu tal-kawża. B'hekk Emanuel Mifsud a sua volta jikkontendi li jekk hemm min għandu jerfa' ir-responsabilità ghad-danni subiti mill-assigurati tas-soċjetà attriċi u li għamlet tajjeb għalihom l-istess soċjetà attriċi huwa sid l-art fejn seħħ in-nar, u cioè il-konvenut Joseph Mifsud.

Il-Qorti se tittratta l-ewwel l-eċċezzjoni sollevata mill-kjamat fil-kawża fis-sens li huwa għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju in kwantu ġià hemm proċeduri pendenti fil-konfront tiegħu.

Il-proċeduri li jagħmel referenza għalihom il-kjamat in kawża huma l-proċeduri fl-ismijiet "Nathaniel Spiteri et v. Emanuel Mifsud et" Citaz. Nru. 115/10 istitwiti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Mill-okkju ta' dawk il-proċeduri jirriżulta immedjatament evidenti li la s-soċjetà attriċi u lanqas l-assigurati tagħha Angelo sive Lino u Mary Spiteri ma huma parti f'dawk il-proċeduri. Fil-fatt dawk il-proċeduri huma proċeduri ghad-danni li ġew istitwiti kontra Emanuel Mifsud *qua* proprjetarju tax-xarabank bin-Numru ta' Reġistrazzjoni CCY-991, minn Nathaniel u Amanda Spiteri u Joseph Mifsud rispettivament *qua* proprjetarji tax-xarabanks bin-Numri ta' Reġistrazzjoni BCY-932 u KCY-962 li nqerdu fin-nar li żviluppa fuq l-art fejn kienu pparkjati hdejn ix-xarabank ta' Emanuel Mifsud. Ladarba la s-soċjetà attriċi u lanqas l-assigurati tagħha ma kienu parti f'dawk il-proċeduri, il-kjamat in kawża ma jistax jippretendi li minħabba s-semplici eżistenza ta' dawk il-proċeduri fil-konfront tiegħu huwa għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju fil-proċeduri odjerni.

Fid-dawl ta' dan appena osservat il-Qorti tqis li l-eċċezzjoni tal-kjamat in kawża fis-sens li għandu jiġi liberat mill-osservazzjoni tal-ġudizzju għaliex ġià hemm

[30] Affidavit ta' Gordon Axiaq u dokumenti annessi miegħu a fol. 48 sa' 62 tal-proċess

proċeduri pendenti, in verità illum deċizi, fil-konfront tiegħu, ma hijiex ġustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tiġi milqugħa.

Wara li kkunsidrat il-provi prodotti quddiemha l-Qorti ma tistax għajr li tikkonkludi li l-kjamat in kawża huwa responsabbli anke għad-danni subiti minn Angelo sive Lino u Mary Spiteri fl-appartament tagħhom Flat 1, Stella Maris, Triq Guzè Miceli, Gżira, b'konsegwenza tan-nar li seħħ fit-13 ta' Jannar 2009, għal liema danni għamlet tajjeb is-soċjetà attriċi.

Ir-responsabilità tal-kjamat in kawża tirriżulta kemm mill-fatt li n-nar in kwistjoni beda mix-xarabank tiegħu u nfirex għax-xarabanks l-oħra, u dana kif kjarament jirriżulta mill-provi prodotti f'dawn il-proċeduri, u għall-art proprjetà tal-konvenut b'mod li effettwa u għamel il-ħsara anke fil-blokk ta' appartamenti adjaċenti "Stella Maris" Triq Guzè Miceli, Gżira, kif wkoll mill-fatt li għalkemm huwa kien konsapevoli li x-xarabank tiegħu kien bil-ħsara u dan sa' minn qabel il-vaganzi tal-Milied, huwa xorta baqa' jagħmel użu minnu. Di fatti għalkemm fit-12 ta' Jannar 2009 sa' minn kmieni filgħodu x-xarabank ma kienx qed jaħdem sew u dana billi ma kienx qed jistartja mill-ewwel, huwa xorta waħda dderieġa lix-xufier tiegħu Aaron Sultana biex jibqa' jaħdem bix-xarabank il-ġurnata kollha w addirittura jħallih startjat il-ħin kollu biex ma jkollux problemi biex jistartjah. Dan l-aġir tal-kjamat in kważa kjarament wassal biex il-ħsara li ġià kellu x-xarabank tiggrava u tiskala bil-konsegwenza li l-istess xarabank ħa n-nar ftit tal-ħin wara li dan ġie pparkajt għall-lejl minn Aaron Sultana fuq l-art proprjetà tal-konvenut.

Li l-kjamat in kawża kien konsapevoli mill-ħsara li kellu x-xarabank tiegħu u ċio nonostante xorta ta istruzzjonijiet biex dan jibqa' jinstaq u jintuża jirriżulta b'mod ċar mix-xhieda ta' l-istess kjamat in kawża mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' April 2013[31], fejn iddikjara li: *f'Diċembru stess ġa kelli l-fault fis-sistema ta' l-elettriku tal-vettura. L-ewwel darba li qamet il-fault jien kont ħadtha għand il-Laċċa iżda wara ftit tal-ġranet il-fault reġa' beda jimmanifesta ruħu. Imbagħad hriġna bil-vaganzi. L-ewwel darba li ħadtha għat-tiswija fuq il-fault kien inbidel l-alternator u imbagħad it-tieni darba biddilna l-batteries. Dawn jinbidlu peress illi alternators ikollhom tnejn u batteries ikollhom tnejn. ... L-inċident ġara madwar ħmistax-il ġurnata illi biddilt il-batteries tal-vettura iżda ngħid illi fil-frattemp kien hemm ukoll il-holidays tal-Milied. ... L-inċident ġara dakinhar stess, jiġifieri fit-12 ta' Jannar 2009 iżda matul il-ġurnata l-coach xorta baqa' jimmanifesta xi ħsarat. Matul it-12 ta' Jannar il-coach ħadem għax fil-fatt ix-xufier kellu xi xogħol u għamlu. Imbagħad l-inċident seħħ bejn it-12 u t-13 ta' Jannar matul il-lejl. Nerġa' ngħid però li matul il-ġurnata l-fault immanifesta ruħu xorta waħda fis-sens illi jdawwar iċ-ċavetta u ma jistartjax. ... Jiena lix-xufier ma stajtx ngħidlu biex imur isewwi l-vettura għar-raġuni illi x'ħin immanifestat ruħha l-ħsara kienu id-9 ta' bil-lejl. Imbagħad naturalment kont għedtlu biex imur 'l għada biħ. Però imbagħad matul il-lejl ġara l-inċident.* ***Filgħodu fit-12 ta' Jannar ghall-ewwel il-coach ma startjax imma imbagħad għall-ħabta ta' l-għaxra ta' filgħodu x-xufier infurmani li startjalu imma imbagħad bejn id-day shift u n-night tour iktar tard matul il-ġurnata qalli li reġa'***

[31] Fol. 190 sa' 197 tal-proċess.

***immanifesta l-fault. Jiena allura kont għedtlu biex il-coach ma jitfiehx biex in-nies ma jittardjalhomx***[32].

Fid-dawl ta' tali fatti għalhekk il-Qorti ttenni li l-kjamat in kawża kjarament huwa responsabbli anke għad-danni subiti minn Angelo sive Lino u Mary Spiteri fl-appartament tagħhom Flat 1, Stella Maris, Triq Guzè Miceli, Gżira, b'konsegwenza tan-nar li seħħ fit-13 ta' Jannar 2009, għal liema danni għamlet tajjeb is-soċjetà attriċi.

Nonostante dan appena konkluż dwar ir-responsabilità tal-kjamat in kawża, il-Qorti hi tal-fehma li l-istess kjamat in kawża ma huwiex unikament u esklussivament responsabbli ghad-danni sofferti minn Angelo sive Lino u Mary Spiteri, għal liema danni għamlet tajjeb is-soċjetà attriċi, iżda huwa daqstant ieħor responsabbli l-konvenut *qua* proprjetarju ta' l-art fejn kienu qed jiġu pparkjati x-xarabank ta' l-istess konvenut, ix-xarabank ta' Nathaniel Spiteri u x-xarabank tal-kjamat in kawża, li kien appuntu x-xarabank li ħa n-nar.

Mix-xhieda ta' Emanuel Zammit, rappreżentat tal-MEPA, irriżulta li fuq l-art in kwistjoni kien hemm pendenti - eventwalment eżegwit - Enforcement Notice bin-Numru 781/04. Fir-rigward l-imsemmi Emanuel Zammit iddikjara: *ġejt mitlub nixhed dwar enforcement notice bin-numru 781/04. Jiena rrid ngħid li din tirreferi għal sit ġewwa l-Gżira li jagħti fuq żewġ toroq li huma Triq Guże Miceli, il-Gżira, u Triq Tas-Sliema, il-Gżira. Din l-enforcement notice nħarġet kontra Joseph Mifsud u Emanuel Mifsud. Din iġġib id-data 11 ta' Ottubru 2004 u l-ksur kien ta' żvilupp mingħajr permess fis-sens illi bdil fl-użu materjali ta' art li minn art battala bdiet tintuża bħala art ta' parkeġġ ta' vetturi u nġenji kif ukoll sar it-tisqif ta' l-istess art. Dan l-enforcement kien inħareġ mill-Uffiċjal ta' l-Infurzar Hubert Cini. Jiena personalment kellimt lil Joseph Mifsud u lil Emanuel Mifsud kemm-il darba fuq dan l-enforcement notice u huma jafu bih. Jiena rrid ngħid li informazzjoni fir-rigward ta' dan l-enforcement irċevew kemm il-darba w anke riċentement anke ttieħdet azzjoni diretta fir-rigward ta' l-istess fil-konfront tagħhom. Jiena kemm-il darba aċċedejt fuq il-post. Meta jiena aċċedejt fuq dan is-sit ġieli sibt vannijiet pick-up li kienu jintużaw għal ġbir ta' bulky refuse u li kienu jgħiduli li kellhom fethim mal-Kunsill Lokali biex jiġbru dan it-tip ta' refuse u kienu jidħlu f'dan is-sit biex iħottuh. Ġieli sibt ukoll hemm xarabanks li kienu qed ibiddlulhom iż-żejt u kien hemm anke okkazzjonijiet fejn ma sibt ebda vettura u ngħid ukoll li kien hemm okkazzjonijiet fejn sibt scammels ipparkjati. ... sirt enforcement officer fuq il-lokalità tal-Gżira mill-2006 'l hawn u nfakkar lill-Qorti li l-enforcement notice kien inħareġ fl-2004. Jiena rrid ngħid li meta kont naċċedi fuq il-post qatt ma rajt gerricans jew tankijiet. Il-maġġorparti ta' l-affarijiet li kien ikun hemm kienu white goods. Jiena rrid ngħid li fuq dan is-sit wara l-enforcement notice kienet ġiet ippreżentata applikazzjoni fis-26 ta' Jannar 2005. Il-Perit kien il-Perit Godwin Aquilina u l-applikant kien Joseph Mifsud ta' 23, Sliema Road, Gzira, li għandu Karta ta' l-Identità bin-Numru 560060(M). L-applikazzjoni kienet għal 'construction of garage for parking of coaches foreign number, including removal of existing roof'. Anzi rrid niċċara "removal of*

[32] Enfasi tal-Qorti.

*temporary existing roof". Din ma kienetx applikazzjoni to sanction. Fir-rigward ta' l-applikazzjoni bin-numru 478/05 irrid ngħid li din kienet ġiet refused fit-30 ta' Settembru 2005. Kienet saret talba għar-reconsideration li però ġiet rifjutata ukoll fit-23 ta' Lulju 2007. Kien sar appell minn dan ir-rifjut iżda fi żmien meta kien ġie pproċessat l-appell, l-istess kien ġie irtirat. In effetti l-Bord fis-27 ta' April 2009 kien astjena milli jieħu konjizzjoni ta' l-appell billi dan kien ġie rtirat mill-Perit Godwin Aquilina. ... Ftit tal-ġimgħat ilu ttiehdet direct action fil-konfront tas-sit in kwistjoni fejn ġie mtella' hajt fuq iż-żewġ naħat tat-triq u għalhekk illum dan l-istess sit illum m'għadux aċċessibbli ghall-vetturi. Id-direct action ittiehdet fit-2 ta' Ġunju 2010*[33].

Minn din ix-xhieda jirriżulta b'mod car li l-konvenut kien qed jagħmel użu u jħalli li jsir użu illegali mill-art di proprjetà tiegħu u għaldaqstant huwa għandu jirrispondi għall-ħsara li ġrat anke a kawża ta' tali użu illegali ta' l-art, ossia għandu jirrispondi flimkien mal-kjamat in kawża għall-hsara kawżata fl-appartament Nru.1. "Stella Maris" Triq Guże Miceli, Gżira, b'konsegwenza tan-nar li seħħ fuq dik l-art fit-13 ta' Jannar 2009, għal liema ħsara għamlet tajjeb is-soċjetà attriċi.

Li l-konvenut għandu jagħmel tajjeb - fil-każ in eżami flimkien mal-kjamat in kawża - għad-danni kawżati fl-appartament Nru.1, "Stella Maris" Triq Guże Miceli, Gżira, għal liema danni għamlet tajjeb is-soċjetà attriċi, jirriżulta mill-prinċipju enunċjat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **Chalres Gauci et v. Maria Borg Mizzi et noe, Citaz. Nru. 87/98** deċiża fil-25 ta' Novembru 2004: *kull persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtijietha u li jitqies fi ħtija kull min f'għemilu ma jużax il-prudenza, għaqal u ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.* ***B'mod partikolari, kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel ħsara għax ikun irid jew b'nuqqas ta' għaqal, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mill-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk***[34]*. Madanakollu, ħsara li sseħħ b'aċċident jew b'forza maġġuri jbatiha dak li fuq ħwejġu tiġri l-ħsara, sakemm il-liġi ma tgħidx mod ieħor.* ***Il-frażi "dmir impost mill-liġi" wieħed għandu jifhema kull għamla ta' ksur jew trasgressjoni ta' xi dover li l-liġi tqiegħed fuq persuna partikolari f'xi ċirkostanza partikolari, u dan taħt il-massima 'qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ea quae non fecit. Bilkemm għandu għalfejn jingħad li b'liġi hawn wieħed ma jifhimx biss il-liġi ċivili, imma wkoll kull att leġislattiv li għandu saħħa ta' liġi***[35]*.*

Il-konvenut jipprova jiġġustifika l-aġir tiegħu in bażi ghal regolament skontu viġenti fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri fis-sens illi xarabank ma setgħax jitħalla ipparkajt fit-triq u in sostenn ta' tali pretensjoni jagħmel referenza għar-Regolament 62 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56. Apparte l-fatt li r-Regolament ċitat mill-konvenut daħal fis-seħħ ferm wara li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, *dato ma non concesso* li proprjetarju ta' xarabank kellu obbligu bil-liġi li

[33] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ġunju 2010, fol. 29 sa' 31 tal-proċess.
[34] Enfasi tal-Qorti.
[35] Enfasi tal-Qorti.

ma jħallix xarabank ipparkjat fit-triq, ma jneħħi xejn mill-fatt li l-istess konvenut kien qed jagħmel użu u jippermetti li jsir użu illegali mill-art di proprjetà tiegħu, f'liema art seħħ nar li kkawża ħsarat lill-appartamenti ta' l-assigurati tas-soċjetà attriċi, għal liema danni għamlet tajjeb l-istess soċjetà attriċi.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti tqis li l-konvenut u l-kjamat in kawża huma responsabbli solidalment bejniethom għad-danni kawżati fl-appartament Nru.1, Stella Maris, Triq Guże Miceli, Gżira, b'konsegwenza tan-nar li seħħ fit-13 ta' Jannar 2009, għal liema danni għamlet tajjeb is-soċjetà attriċi.

Kemm il-konvenut kif ukoll il-kjamat in kawża jikkontendu li s-soċjetà attriċi għandha tressaq prova dwar l-allegati danni sofferti mill-assigurati tagħha u li fi kwalunkwe kaz jqisu d-danni pretiżi bħala eżagerati.

Fir-rigward tal-prova tad-danni s-soċjetà attriċi ressqet bħala xhieda fost oħrajn lil rappreżentant tagħha Gordon Axiaq li fl-affidavit tiegħu [36] ta' spjega ċara u dettaljata tal-ħsarat kawżati lill-appartament Nru.1, "Stella Maris" Triq Guże Miceli, Gżira, kif ukoll tal-*quantum* tad-danni imħallsa mis-soċjetà attriċi għall-assigurati tagħha. Il-*quantum* huwa a sua volta sostanzjat bid-dokumenti esebiti flimkien ma' l-affidavit ta' Gordon Axiaq u markati Dok. "GA1" sa' Dok. "GA12" a fol. 51 sa' 12 tal-proċess. Apparte minnhekk is-soċjetà attriċi ressqet ukoll bħala xhud lill-Perit Alfred Grech li permezz ta' l-affidavit tiegħu kkonferma r-rapport li huwa għamel relattiv għall-ħsarat kawżati lill-imsemmi appartament[37].

Il-Qorti eżaminat ix-xhieda imsemmija u d-dokumentazzjoni esebita kemm minn Gordon Axiaq kif ukoll mill-Perit Grech u hija sodisfatta li jagħtu prova sodisfacenti tal-ħsarat kawżati lill-appartament ta' l-assigurati tas-soċjeta attriċi **u** tal-*quantum* tad-danni mħallsa mis-soċjetà attriċi għall-assigurati tagħha. Għalkemm il-konvenut u l-kjamat in kawża jippruvaw ipoġġu fid-dubju tali provi u b'mod partikoalri x-xhieda ta' Gordon Axiaq dwar il-*quantum* tad-danni, il-Qorti tosserva li: *m'għandux jiġi preżunt illi s-soċjetà assiguratiċi tħallas leġġerment danni reklamati minnha u l-Qorti tifhem li tkun għamlet dan wara d-debita verifika*[38]. Fid-dawl ta' dak li jirriżulta mill-atti proċesswali u tal-prinċipju ġuridiku hawn appena ċitat, kuntrarjament għal dak pretiż mill-konvenut u mill-kjamat in kawża l-Qorti ma tqisx li l-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi huwa eżagerat.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqa' u tiddeċiedi billi:

(1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati kemm mill-konvenut kif ukoll mill-kjamat in kawża;
(2) Filwaqt li tiddikjara li l-konvenut **u** l-kjamat in kawża huma responsabbli solidalment bejniethom għall-ħsarat u konsegwenti danni kawżati fl-appartament Nru.1, Stella Maris, Triq Guże Miceli, Gżira, proprjetà ta' Angelo

---

[36] Fol. 48 u 49 tal-proċess.
[37] Fol. 67 sa' 91 tal-proċess.
[38] Joseph Felice Pace noe v. Godwin Abela noe, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Ottubru 1999 u Reginald Micallef et noe v. Godwin Abela et noe, Ċitaz. Nru. 1408/86 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Jannar 2003.

sive Lino u Mary Spiteri, assigurati tas-soċjetà attriċi, b'konsegwenza tan-nar li seħħ fit-13 ta' Jannar 2009;

(3) Tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut u lill-kjamat in kawża jħallsu, solidalment bejniethom, lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €9,236.70, bl-imħax legali dekoribbli mis-17 ta' Frar 2010, id-data tal-preżentata tar-Rikors promotur, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati mill-konvenut u mill-kjamat in kawża solidalment bejniethom.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**